MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 733/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Amanda Jane Bennetti (ID166302L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ecepixxiet illi:-

Il-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbghin ewro u tlieta u hamsin centenzmu (€340.53c) in konnessjoni ma' 79872710

(AC50909767), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 12 t'April, 2011.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez , inkluz dawk tal-ittra ufficjali 899/12.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A – Prospett – AC50909767

Dok B – Kuntratt 12 t'April, 2011

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 899/12/11

Ra r-risposta fejn il-konvenuta eccepixxiet illi:-

Hija qatt ma rceviet statement jew ittra ufficjali qabel ma nfethet din il-kawza minkejja illi kienet gharrfet lill-atturi dwar it-tibdil fl-indirizz tant illi l-partner taghha li jghix maghha rcieva l-kontijiet tieghu u hallas.

Ghaldaqstant filwaqt illi l-ammont mhux kontestat, huma kontestati l-ispejjez tal-kawza u l-ispejjez tal-kawza u l-ispejjez tal-ittra ufficjali, u anzi l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-atturi.

It-Tribunal ra r-rikors

Ikkunsidra:

Illi il-konveuta m'hijiex qed tikkontesta l-ammont huma l-ispejjes tal-kawza biss li qed jigu kontestati ghaliex kif indikat fl-avviz il-konvenuta kienet infurmat lis-Socjeta' attrici illi kienet bidlet l-indirizz taghha. Illi pero il-konvenuta naqset milli tressaq provi jew xhieda dwar dan minkejja diversi seduti.  Ghalhekk il-kontestazzjoni ma gietx sufficjentament ippruvata.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta u jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' tlett mija u erbghin ewro u tlieta u hamsin centenzmu (€340.53c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------